# REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI

Jeżistu miżuri speċifiċi fis-seħħ biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea, magħrufa bħala r-"reġjuni ultraperiferiċi": Guadeloupe, Guyana Franċiża, Réunion, Martinique, Mayotte, Saint-Martin (Franza), Gżejjer Azores u Madejra (Portugall) u Gżejjer Kanarji (Spanja). L-iskop ta' dan l-appoġġ huwa li jtaffi l-limitazzjonijiet ikkawżati mill-pożizzjoni ġeografika mbiegħda ta' dawn ir-reġjuni.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-ISFOND

Xi Stati Membri tal-UE għandhom parti mit-territorju tagħhom f'żoni tad-dinja li huma mbegħdin mill-Ewropa. Dawn ir-reġjuni, magħrufa bħala r-reġjuni ultraperiferiċi, ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' numru ta' diffikultajiet relatati mal-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom, b'mod partikolari: il-pożizzjoni mbiegħda, l-insularità, id-daqs żgħir u t-topografija u l-klima diffiċli tagħhom. Jiddependu ekonomikament minn ftit prodotti (ta' spiss prodotti agrikoli jew riżorsi naturali). Dawn il-karatteristiċi jikkostitwixxu limitazzjonijiet fuq il-potenzjal ta' żvilupp futur tagħhom.

Bħalissa hemm disa' reġjuni ultraperiferiċi:

— ħames dipartimenti extra-Ewropej Franċiżi – Martinique, Mayotte, Guadeloupe, Guyana Franċiża u Réunion;

— komunità extra-Ewropea Franċiża waħda – Saint-Martin;

— żewġ reġjuni awtonomi Portugiżi – Madejra u Gżejjer Azores;

— komunità awtonoma Spanjola waħda – Gżejjer Kanarji.

Għandu jiġi ssottolinjat li r-reġjuni ultraperiferiċi huma differenti mill-pajjiżi u territorji extra-Ewropej tal-UE. Huma 25 il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej kostituzzjonalment marbutin ma' dawn l-Istati Membri: id-Danimarka, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit. Il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej mhumiex parti mis-suq uniku u jeħtiġilhom jirrispettaw l-obbligi imposti fuq il-pajjiżi terzi fir-rigward tal-kummerċ, partikolarment ir-regoli tal-oriġini, l-istandards sanitarji u fitosanitarji u l-miżuri ta' salvagwardja. Ir-relazzjonijiet ta' assoċjazzjoni tal-UE mal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej huma spjegati fid-dettall fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE adottata fil-25 ta' Novembru 2013. L-Artikolu 355 tat-Trattat ta' Lisbona jippermetti lill-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva tal-

Istat Membru kkonċernat, jemenda l-istatus ta' ċertu pajjiż jew territorju extra-Ewropew (jiġifieri r-reġjuni ultraperiferiċi jew il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej) ta' Franza, tad-Danimarka jew tan-Netherlands mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' emenda tat-Trattat. Sa tmiem is-sena 2011, pereżempju, Saint-Barthélemy kienet reġjun ultraperiferiku, iżda fl-2012 inbidlet f'pajjiż jew territorju extra-Ewropew. Fl-2014 ġara l-oppost fil-każ ta' Mayotte, li kienet pajjiż jew territorju extra-Ewropew u bis-saħħa ta' Deċiżjoni tal-Kunsill inbidlet f'reġjun ultraperiferiku.

Tabella: data dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi

| | Distanza mill-kapitali nazzjonali (km) | Superfiċje (km2) | Popolazzjoni | PDG *per capita* espress bħala perċentwal tal-medja UE (UE=100) (*) |
|---|---|---|---|---|
| **UE 28** | - | 4 407 569.1 | 508 450 856 | 100 |
| **Franza*** ** | - | 633 186.6 | 66 415 161 | 106 |
| **Portugall** | - | 92 226.0 | 10 374 822 | 77 |
| **Spanja** | - | 505 944.0 | 46 449 565 | 90 |
| **Azores** | 1 548 | 2 322.0 | 245 766 | 69.2 |
| **Kanarji** | 1 850 (medja għall-arċipelagu kollu) | 7 445.0 | 2 135 722 | 78.2 |
| **Guadeloupe** | 7 578 | 1 681.6 | 393 392 | 73.1 |
| **Guyana Franċiża** | 7 841 | 83 533.9 | 262 527 | 58.4 |
| **Madejra** | 1 041 | 802.0 | 256 424 | 73.39 |
| **Martinique** | 7 641 | 1 128.0 | 376 847 | 77.03 |
| **Réunion** | 9 921 | 2 503.7 | 850 996 | 69.92 |
| **Saint-Martin (**)** | 6 700 | 86 (53 għall-parti Franċiża) | 36 457 | - |
| **Mayotte** | 8 444 | 374.0 | 235 132 | 30.75 |
| (*) Data għall-2015, minbarra l-Azores, Madejra u Martinique (2014) u Guadeloupe (2016); sorsi: Eurostat, Istitut Nazzjonali tal-Istatistika tal-Portugall.<br>(**) Sorsi: INSEE (Franza) 2015 u Ministère Français des Outre-Mer (Ministeru tal-Pajjiżi u territorji extra-Ewropej ta' Franza); mhijiex disponibbli d-data għall-PDG.<br>(***) Is-superfiċje totali għal Franza tinkludi r-reġjuni ultraperiferiċi iżda mhux il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej. | | | | |

*Sors: Eurostat 2015*

## L-OBJETTIVI

Irrispettivament mid-distanza kbira li tisseparahom mill-kontinent Ewropew, ir-reġjuni ultraperiferiċi huma parti integrali mill-Unjoni Ewropea, u l-acquis communautaire huwa applikabbli b'mod sħiħ fit-territorju tagħhom. Madankollu, minħabba l-pożizzjoni

ġeografika speċifika tagħhom u d-diffikultajiet relatati, il-politiki tal-UE kellhom jiġu adegwati għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom.

Il-miżuri rilevanti jikkonċernaw, b'mod partikolari, oqsma bħall-politiki doganali u kummerċjali, il-politika fiskali, iż-żoni ta' kummerċ ħieles, il-politiki tal-agrikoltura u tas-sajd u l-kundizzjonijiet għall-provvista ta' materja prima u prodotti essenzjali tal-konsumatur. Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-Fondi Strutturali u għall-programmi orizzontali tal-UE jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' dawn ir-reġjuni (eż. l-allokazzjoni speċjali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) favur ir-reġjuni ultraperiferiċi).

Apparti l-allokazzjonijiet speċjali tal-FEŻR, ir-reġjuni ultraperiferiċi jibbenefikaw ukoll, fil-qasam agrikolu, mill-programmi POSEI (Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità), iffinanzjati mill-FAEG (ara t-tabella ta' hawn taħt). Dawn il-programmi jiffokaw fuq żewġ tipi ewlenin ta' miżuri:

— arranġamenti speċifiċi ta' forniment maħsuba biex itaffu l-ispejjeż addizzjonali ta' forniment relatati ma' prodotti essenzjali għall-konsum mill-bniedem, għall-ipproċessar jew għal użu bħala fatturi tal-produzzjoni agrikola;

— miżuri biex isostnu l-produzzjoni agrikola lokali.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, madwar EUR 13-il biljun tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) ġew allokati lir-reġjuni ultraperiferiċi, bil-mod segwenti:

Tabella: Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej
tal-2014-2020 allokati lir-reġjuni ultraperiferiċi

| **Fondi SIE allokati lir-reġjuni ultraperiferiċi** | **(f'biljuni ta' EUR)** |
|---|---|
| FEŻR<br>(inklużi allokazzjonijiet speċjali favur ir-reġjuni ultraperiferiċi u Kooperazzjoni Territorjali Ewropea) | 5 |
| Fond Soċjali Ewropew (FSE) (inkluża l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ) | 1.9 |
| Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) | 1.5 |
| Programmi fi ħdan il-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI)<br>(iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija – FAEG) | 4.6 |
| Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) | 0.3 |
| Total | 13.3 |

*Sors: Kummissjoni Ewropea, ir-Raba' Forum tar-Reġjuni Ultraperiferiċi, 30-31 ta' Marzu 2017*

Fil-proposta tagħha għall-politika ta' koeżjoni ta' wara l-20202020, il-Kummissjoni pprevediet it-tkomplija tal-allokazzjoni speċjali tal-FEŻR ta' aktar minn EUR 1.5 biljun għar-reġjuni ultraperiferiċi. Se jirċievu wkoll EUR 270 miljun bħala programmi ta' kooperazzjoni ("Interreg").

## STRATEĠIJA EWROPEA GĦAR-REĠJUNI ULTRAPERIFERIĊI

F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni (COM(2017)0623): "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE". Din l-istrateġija tipproponi approċċ ġdid biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull wieħed mid-disa' reġjuni ultraperiferiċi tal-UE. Se tgħinhom joħolqu opportunitajiet ġodda għall-abitanti tagħhom, jixprunaw il-kompetittività u l-innovazzjoni f'setturi bħall-agrikoltura, is-sajd jew it-turiżmu, u japprofondixxu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien.

L-istrateġija hija bbażata fuq erba' pilastri:

— governanza ġdida bbażata fuq sħubija soda;

— nibnu fuq l-assi tar-reġjuni ultraperiferiċi;

— tagħti lok għat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol u

— żieda tal-kooperazzjoni.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Minkejja l-fatt li d-deċiżjonijiet kollha rigward liema reġjuni jingħataw l-istatus ta' reġjun ultraperiferiku jittieħdu mill-Kunsill Ewropew, il-Parlament jiżvolġi rwol attiv ħafna fl-appoġġ li jingħata lir-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-Parlament Ewropew għandu setgħat pariġġ il-Kunsill f'dak li jirrigwarda leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-aktar politiki importanti tal-UE, bħall-politiki reġjonali, agrikola, tas-sajd u tal-edukazzjoni. Fil-ħidma tiegħu, il-Parlament iqis is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi u jappoġġa inizjattivi li jkollhom l-għan li jagħtu spinta lill-iżvilupp tagħhom.

Matul in-negozjati tal-qafas regolatorju 2014-2020, il-Parlament sostna l-prinċipju li r-reġjuni ultraperiferiċi għandhom igawdu minn trattament differenzjat fir-rigward tar-rati ta' kofinanzjament, dispożizzjonijiet speċjali fl-ambitu tal-FEŻR dwar l-investimenti produttivi fl-impriżi u regoli speċifiċi f'dawk li huma programmi tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea. Barra minn hekk, fl-2014 il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar "l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-fondi strutturali tal-UE u programmi oħra tal-UE". F'din ir-riżoluzzjoni huwa fakkar il-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi u enfasizza l-bżonn ta' sinerġiji bejn l-appoġġ li ġej mill-Fondi Strutturali favur ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-programmi fil-livell tal-UE bħalma huma Orizzont 2020, LIFE+ u COSME.

Fi żmien aktar reċenti, il-Parlament kien qiegħed jiddelibera fuq rapport fuq inizjattiva proprja dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi, li jiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE, li jkopri oqsma mal-politika marittima, is-sajd u t-tkabbir blu, il-politika ta' koeżjoni, l-ambjent u l-enerġija.

Filipa Azevedo / Marek Kołodziejski
05/2019